MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1162/2003

Lt. Col. Gustav Caruana f'ismu u in rapprezentanza ta' Captain A. Caruana Limited Est. 1894 u b'digriet tat-3 ta' Awissu 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Carol Demajo nee` Caruana stante l-mewt ta' l-attur
vs
Air Supplies and Catering Company Limited liema kumpanija llum hija maghrufa bhala "The Nuance Group (Malta) Limited", skond digriet tad-19 ta' Lulju 2006

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ippremetta:

1. Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' hmistax-il elf disa' mija u sitta u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm15,986.36), rappresentanti l-prezz ta' merkanzija fornita mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.

2. Illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 19 ta’ Awissu 2003 – Dok C1 – id-debituri baqghu inadempjenti.

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hmistax-il elf disa’ mija u sitta u tmenin liri Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm15,986.36), rappresentanti merkanzija mibjugha lilhom.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Awissu 2003 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li eccepiet:

1. Illi preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ hames snin ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

2. Illi subordinatament il-kumpanija konvenuta ma kellha ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur Lt. Col Gustav Caruana proprio.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet ma kien hemm l-ebda fornitura ta’ merkanzija b’obbligu ta’ hlas kif kellu jigi ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi kif kellu jigu pruvat ampjament fit-trattazzjoni tal-kawza l-kumpanija konvenuta ma kellha ghandha taghti ebda somma lill-attur pro et noe.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Walter Izzo, General Manager tal-kumpanija Air Supplies and Catering Company Limited fejn iddikjara li l-kumpanija tieghu mhix debitrici ta' Lt. Col. Gustav Caruana u/jew ta' Captain A. Caruana Limited Est 1894.

Xehed Walter Izzo fejn qal li qabel hu kien *General Manager* ta' l-Air Supplies, pero` sena u nofs qabel ma xehed, ha *early retirement*. Hadem bhala *General Manager* bejn l-1992 u l-1993, bejn wiehed u iehor. Kellhom sistema fejn fil-bidu ta' kull xahar jew fl-ahhar ta' kull xahar kienu jaraw l-i*stock* li kellhom, iqisu r-*records* li jkun hemm. Dak li jkun naqas huwa dak li gie *consumed*, u allura jhallsu *accordingly* jew jibaghtu l-i*statement* minhabba li kienu *on consignment*. U ghalhekk, kienu wkoll ziedu klawsola li jekk ma l-i*statement* ma jircevux xi *counter claim* lura, qed jassumu li dan qed jigi accettat bhala minnu. Ma jiftakarx li Demajo ghan-nom tas-socjeta` attrici kien kitiblu. Qal li xi haga hekk kienet tasal ghandu, kienet tmur ghand is-segretarja u tiftaha u xi haga ta' din l-importanza kienet tehodha ghandu. Mistoqsi dwar *e-mails* li ntbaghtu f'Settembru 2002, qal li issa kellu idea li kienet intbaghtet xi korrispondenza f'dan ir-rigward, u jaf ukoll li kien iddirigiha lil Alfred Calleja, ghalkemm ma kienx cert li fil-fatt giet din il-korrispondenza. Ma jidhirlux li qatt irrispondew lis-Sur Demajo. Jahseb li jekk hemm korrispondenza, kienet lejn l-2004, hu irtira fl-2004, u jahseb li kien ftit qabel. Is-Sur Demajo kien kellmu fuq xi *stocks* li kellu u peress li huma kienu *on consignment* ma kellhomx problema. Huwa difficli li jkun hemm ammonti li gew konsumati jew le, ghax kienu jaghmlu *physical stock* u rendikont kull xahar. U ta' dan hu cert li ma jistax ikun hemm diskrepanzi. Fuq is-

*cellar sheets*, issa jekk it-total tas-*cellar sheets* ingabar u jaqbel l-*items* hemm qeghdin kollha.

Gie prezentat affidavit ta' David Demajo fejn qal li s-socjeta` attrici meta kienet tinnegozja mas-socjeta` konvenuta kienu jibghatu r-rendikont ta' x'kien dovut regolarment fl-ahhar ta' kull xahar. Semma li mit-18 ta' Novembru 1992 is-socjeta` attrici kienet bdiet tara x'kien dovut mis-socjeta` konvenuta u kienu saru diversi laqghat. Qal li fit-22 ta' Frar 1999, fis-7 ta' Mejju 1999 u fl-4 ta' Ottubru 1999 kienu kitbu lil Silvio Coppola *General Manager* tas-socjeta` konvenuta u anke baghtu r-rendikonti mis-sena 1991 sas-sena 1999 biex jinfurmawh bl-ammont dovut u biex isiru l-laqghat. Is-socjeta` konvenuta kienet qed tinsisti li kien sar zball izda s-socjeta` attrici qalet li skond ir-rendikonti taghhom dak l-izball ma kienx jezisti. Semma li fl-14 ta' Awissu 2002, fid-9 ta' Settembru 2002 u fit-23 ta' Settembru 2002 kien baghat *e-mail* lill-*General Manager* li dak iz-zmien kien sar Walter Izzo fejn qallu bil-bilanc ta' Lm15,986.36 li kien dovut lis-socjeta` attrici. Semma li fit-3 ta' Dicembru 2002 kien kiteb ghall-ahhar darba lis-Sur Izzo izda dan qatt ma wiegeb ghal ebda korrispondenza li kienet intbaghtet ghalkemm kellhom xi laqghat bejniethom.

Rat ix-xhieda ta' David Demajo fejn ikkonferma l-affidavit tieghu li hemm a fol 75 u 76 tal-process. Mistoqsi jekk effettivament hu tkellimx mas-Sur Walter Izzo qal li hu kien tkellem darbtejn wara li kienu gew intavolati l-proceduri legali. F' din l-okkazjoni kien qallu li kieku hu l-ideja tieghu personali li jhallsu l-50% u l-bicca xoghol tispicca izda peress li l-problemi li ghaddeja minnha l-AirMalta u l-moviment li hemm hu ma kienx f' pozizzjoni li jaghmel dan. Mistoqsi mill-Qorti jekk qattx ammetta t-talba bhala tali u d-debitu qal li propjament din l-offerta li qallu. Meta staqsieh ghaliex mhux qed jirrispondih ghall-ittri qallughax altrimenti jirvina l-element tal-preskrizzjoni. In kontro-ezami gie mistoqsi jekk bejn l-1989 u l-1999 qattx intbaghtet ittra mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta dwar l-ammont pretiz fic-citazzjoni u irrisponda li le, ittra ufficjali qatt ma ntbaghtet.

F’xhieda ohra tieghu qal li l-procedura kienet normalment *on consigment*, kien imur il-gwardjan, kien jiehu x-xoghol u meta jbigh dawn ihallsuhom. Gieli anke meta kienu jaqghu lura jibaghtulhom somma ta’ pagament *on account*. Ikkonferma li fil-fatt l-obbilgazzjoni tal-hlas kien meta l-oggetti jinbieghu. Personalment qatt ma kien jaghmel xi *reconciliation* mal-Air Supplies. Qal li fil-fatt hu gie mistoqsi biex jesebixxi l-kotba tal-kummerc relattivi pero` xtaq jinforma lill-Qorti li huma fl-2002 kellhom nirien kbar fl-imhazen taghhom 11, Timber Wharf u dawn id-dokumenti kienu nharqu. *Cellar sheets* u *accounts* kollox inharaq. Mistoqsi mill-Qorti jekk effetivament kellhomx kompjuter hu qal li fil-fatt il-kompjuter kien qieghed fl-istess lok li kellhom ir-*records* l-ohra li qeghdin fl-ufficcju izda dawn ir-*records* ma humiex tas-*cellar sheets* izda biss ta’ l-*accounts*. Qal li bhala stat ta’ fatt l-*accounts* qatt ma gew kontestati mill-kontro-parti. Veru li qatt ma ammettew pero` hu kien baqa’ jinsisti maghhom li l-ammonti huma dovuti fil-fatt kien qal f’diversi *meetings* mat-tliet *heads* in kwistjoni u eventwalment kien anke spicca kiteb ittra kemm lill-Ministru kif ukoll lic-*chairman*. Il-lista tieghu kien ghamilha mid-dokumenti li kellu ghandu.

Xehed Simon Farrugia skrivan fuq l-*accounts* mal-kumpanija Captain A. Caruana u qal li ilu xi 5, 6 snin jahdem hemm. Dwar Dokument C7 a fol 77 tal-process qal li huwa *statement* ta’ l-*In Flight Duty Free Shop* fejn l-*invoices*, *credit notes*, *payments*, kollox jigi mdahhal f’dak l-*account* u jibda mill-1994 u jispicca f’Mejju 1999. L-ammont dovut illum mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici huwa ta’ Lm15,825. Qal li l-bejgh kien isir *on consignment* basis u ikkonferma li l-bicca mill-kreditu kien dovut qabel ma dahal jahdem hu ghax kif jidher mill-karti hemm kreditu li zgur kien dovut fl-1994.

Xehed George Mallia, *Executive Officer Finance* mal-kumpanija Nuance Group u qal li huma jahdmu *on consignment basis* fejn ikun hemm is-*cellar sheets* b’*opening balances* u jitnaqqsu l-pagamenti li jkunu saru u jizdied l-oggetti li jkunu gew konsenjati. L-i*statement* tal-31 ta’ Awissu 2002 kif jidher a fol. 34 jaqra bilanc ta’

Lm2,718.52. Fol 83 huwa *statement* ta' l-2004 fejn l-*opening balance* ta' Awissu 1994 huwa ta' forty one thousand and twenty one (Lm41,021). Hu hass li d-diskrepanza kif tirrizulta a fol 34 ma tistax taqbel ma' dik ta' fol 83. Dawn l-oggetti dak iz-zmien kienu *duty free* u ghalhekk kull haga li jircievu huma kienet tkun kontrollata mid-Dwana.

F'xhieda ohra tieghu qal li wara s-seduta precedenti hu ghamel il-verifiki u ma sabx *outstanding balance* min-naha taghhom. Ivverifika sa mill-1997 u ma irrizulta xejn dovut.

Xehed James Galdes, *financial controller* mal-Holiday Malta Company Limited li hija sussidjarja ta' l-Air Malta. Qal li ezamina l-kotba tal-kumpanija u qal li fl-ebda mument ma irrizulta li l-kumpanija kellha xi bilanci dovuti lil din il-parti, lill-kumpanija Caruana Lt. Col. Gustav. Ivverifika sa mill-1992 mal-kotba li kienu dejjem *audited* u ma irrizultawx ammonti dovuti. Ikkonferma illi fil-fatt oggetti li kienu jkunu *on consiment basis* kienu jkunu mdahhlin ukoll fil-kotba. Il-merkanzija kienet dejjem fil-*bonded stores* u l-oggetti kienu *on consignment*. Zied li ghal zmien twil ma kellu ebda korrispondenza mis-socjeta` attrici. Pero` in segwitu l-kumpanija kienet bdiet tibghat numru ta' *statements* f'dan ir-rigward u ghalhekk ghamlu verifiki godda, izda s-socjeta` attrici ma ipproducietx aktar dokumenti.

F'xhieda ohra tieghu qal li huma ma jhallsux l-*invoices*, izda l-*consumption* tax-xahar ghax jahdmu *on consignment basis* u l-invoices idahhluhom fl-i*stock*. Pagamenti kien jsiru kull xahar, u jaghtu rapport lid-Dwana, liema rapporti kien jkunu anke konfermati mid-Dwana. Semma li ghal zmien twil *statements* ma kienux jintbaghtu mis-socjeta` attrici ghalkemm huma kienu jibghatu s-*cellar sheets* flimkien mal-pagament u hadd ma irrimarkalhom li hemm xi ammont mhux korrett. Wara numru ta' snin kienu regghu bdew jintbaghtu l-i*statements*. Semma li kienu jidhru diversi *invoices* fuq l-i*statement* tas-*supply* li ma kienx jirrizultalhom li dahlu fl-i*stock* taghhom izda d-ditta attrici qatt ma tathom dettalji.

Xehdet Marthese Frendo li tahdem ma' Nuance Group Malta Limited ex-Air Supplies & Catering Co. Ltd u ghandha l-kariga ta' *Executive Officer*, *Purchasing*. Ghamlet dan ix-xoghol ghal 21 sena. Semmiet li l-oggetti kienu jigu *delivered on consignment* u kollox taht il-kontroll tad-Dwana. Is-*supplier* jiehu hsieb id-*delivery* ta' l-ordni u kollox taht il-kontroll tad-Dwana. Fl-ahhar tax-xahar isir *stock take* ukoll taht l-awtorita` tad-Dwana u d-dokument jintbaghat lis-*supplier* flimkien mac-*cheque*. Kienet tohrog *cellar sheet* kull xahar.

F'xhieda ohra taghha qalet li kienu jaqblu l-*invoices* mal-*purchase orders* u qatt ma kien hemm diskrepanzi.

Xehed Joseph Borg, spettur tad-Dwana li semma li l-ispirti u sigaretti kienu jidhlu fil-*bonded stores* tal-Gvern. Spjega li l-Air Supplies kienet tordna xi ghaxar kaxxi mill-importatur, li kienu jigu mill-*bonded stores* tad-Dwana. Dawn ma kienx ikollhom dazji fuqhom ghax kienu ser jibqghu minn *bond* ghal *bond* biex jixtruhom il-passiggieri. L-oggetti kien dejjem ikollhom skorta. Kien ikun hemm *store keeper* li jircievi x-xorb. In segwitu l-Air Supplies kienu jtellghu x-xoghol fil-hwienet taghhom. Darba fix-xahar l-Air Supplies kienet taghmel *stock take*, u lilhom kienet taghtihom rapport. Semma li qatt ma rcieva xi korrispondenza dwar xi diskrepanza sakemm kien *in charge* hu, imbaghad fl-2004 din is-*section* giet *disbanded*.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha din il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni u laqghet it-tieni eccezzjoni, liema sentenza kienet appellata dwar l-ewwel eccezzjoni u l-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju 2005 regghet cahdet l-ewwel eccezzjoni ghalkemm fuq ragunijiet ohra u ordnat li l-atti jigu rimessi lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

Illi ghalhekk din id-decizjoni trid tiehu in konsiderazzjoni u tindirizza t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u l-meritu tat-talba attrici.

Bhala fatt irrizulta li l-kumpanijia konvenuta Air Supplies and Catering Limited, illum maghrufa bhala The Nuance Group (Malta) Limited, kienet tinnegozja fil-prodotti *duty free* li kienu jinbnieghu fl-ajruport ta' Malta u wahda mill-kumpaniji li kienet tforniha bil-prodotti kienet is-socjeta` attrici. Il-partijiet ma jaqblux dwar il-verzjoni tal-ftehim fis-sens li s-socjeta` konventa tikkontendi li l-ftehim kien wiehed bazat fuq *on consignment* bil-hlas dovut mal-bejgh ta' l-oggett konsenjat u mhux dak tal-konsenja biss, waqt li s-socjeta` attrici kienet tal-fehma li fil-bidu kien ikun hemm bejgh.

Fil-fehma tas-socjeta` konvenuta b'hekk kienet issir l-ordni mis-socjeta` konvenuta, konsenja mis-socjeta` attrici fil-*bonded stores* ta' l-attrici taht supervizjoni doganali u suppost kellu jittiehed l-i*stock* fl-ahhar tax-xahar u tithejja *cellar sheet*. Mir-*readings* ta' l-i*stock* kien jirrizulta xi prodotti nbieghu matul ix-xahar u suppost li jintbaghat ic-cekk lis-socjeta` attrici.

***<u>D1. It-tielet eccezzjoni:</u>***

Huwa car fejn fil-kaz in ezami ghandna verzjonijiet kontradistinti u opposti tat-talbiet u l-eccezzjonijiet rispettivi. Fit-tielet eccezzjoni s-socjeta` konvenuta issollevat li ma kien hemm ebda fornitura ta' merkanzija b'obbligu ta' hlas. Ix-xhieda kollha tas-socjeta` konvenuta kollha semmew li l-arrangament kien fuq bazi ta' *consignment* u infatti anke l-Qorti ta' l-Appell kienet qieset din il-bazi fis-sentenza taghha dwar il-preskrizzjoni. Dan il-fatt huwa negat mis-socjeta` attrici fejn fil-paragrafu 10 tan-nota ta' l-osservazzjonijiet (fol 212 tal-process) jinghad li kien ikun hemm fornitura ta' merkanzija da parti tas-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta, u dan bl-obbligu tal-hlas. Infatti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet is-socjeta` attrici tikkontendi li kien jispetta lis-socjeta` konvenuta li tipprova li fil-perjodu msemmi (1991 – 1999) ma kienx hemm din it-tip ta' fornitura, bil-konsegwenza li ma jkun hemm ebda hlas dovut. Huwa interessanti li David Demajo kien xehed li l-Air Supplies kienet qed tinsisti li l-izball sar qabel is-sena 1992. Din il-Qorti zzid ukoll li dejjem ghandha tingieb l-ahjar prova (Kap 12 art 559) u li huwa veru li l-eccezzjoni saret mis-socjeta` konvenuta, fis-sens li allura

strettament hi ghandha taghmel prova, izda hawn qieghedin f'tip ta' eccezzjoni negattiva li bilfors tinkombi fuq is-socjeta` attrici li taghmel il-provi tal-konsenji u t-tip ta' negozju. Anke l-Qorti ta' l-Appell kienet tal-fehma li n-negozju kien wiehed ta' *consignment basis*, u kien certament jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipprova mod iehor. Is-socjeta` attrici tikkontendi li l-provi li saru mis-socjeta` konvenuta jirreferu ghal zmien posterjuri, izda certament biex il-Qorti tilqa' dak li qed titlob is-socjeta` attrici, riedet bilfors li jkollha *invoices* iffirmati li jippruvaw il-konsenja ta' l-oggetti u l-obbligu tal-hlas. Kien ghall-inqas jinkombi fuq is-socjeta` attrici li tipproduci l-kotba tan-negozju. Huwa veru li ssemma li dawn il-kotba nqerdu meta kien hemm nirien li hakmu l-ufficini tas-socjeta` attrici, li dan certament huwa fattur li jirrendi aktar difficli li s-socjeta` attrici tipprova l-kontenzjoni taghha, izda min-naha l-ohra jibqa' dejjem il-fatt li min jallega jrid jipprova.
Ma saret ebda prova ta' accettazzjoni tad-debitu tas-socjeta` konvenuta mhux biss fil-prezent izda anke f'xi mument fil-passat. Interessanti hu li s-socjeta` konvenuta ma eccepietx pagament (u ghalhekk f'dak il-kaz kien ikollha hi tipprova l-pagament) izda hi eccepiet il-fatt li qatt ma giet moghtija merkanzija b'obbligu ta' hlas. L-ufficjali tal-kumpanija konvenuta, wara ricerka fil-kotba tal-kumpanija, ma sabux ammonti dovuti u s-socjeta` konvenuta ilha tinsisti dwar dan mill-1992 u dan huwa konfermat anke minn David Demajo. Jekk stess sar xi zball minn xi wahda mill-partijiet, dan kellu jigi ippruvat a sodisfazzjoni tal-Qorti. Il-Qorti kull ma ghandha quddiemha huwa *statement* unilaterali u ma jezistu ebda *cellar sheets* iffirmati jew *reconciliation sheets*. Kif jghid l-artikolu 562 tal-Kap 12:
"Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah".

Ara wkoll **Mario Mifsud vs Carmelo Mifsud** Qorti ta' l-Appell Inferjuri deciza fit-12 ta' Novembru, 2003.

Is-socjeta` konvenuta` irreferiet ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Enrico Camilleri vs Martin Borg**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fis-17 ta' Marzu 2003 fejn inghad:

"Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritjiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-Gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. *Actor non probante, reus absolvitur*."

Ara wkoll **Michael Seychell et vs Antonia Attard Gialanze`**, Prim'Awla talQorti Civili, 4 ta' Lulju 2001.

***<u>D2. Ir-raba' eccezzjoni:</u>***
Is-socjeta` konventa fir-raba' eccezzjoni taghha sostniet li l-kumpanija konvenuta ma ghandha taghti ebda somma lill-attur *proprio et nomine*. Illi sa certu punt din l-eccezzjoni hija ripetizzjoni ta' dak li nghad fit-tielet eccezzjoni u ma hemmx skop ta' ripetizzjoni ta' din il-Qorti ta' l-istess argumenti, kwotazzjonijiet u referenzi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-tielet eccezzjoni ghal dak imsemmi taht "D1" hawn fuq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' r-raba' eccezzjoni ghal dak imsemmi taht "D1" u "D2" hawn fuq.

Spejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------